MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2010

Appell Civili Numru. 50/2009/1

**Anthony [recte: Anthony John] Grech Sant**

**v.**

**L-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

**1.** Dan hu appell, interpost minn Anthony John Grech Sant, minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (fil-kompetenza konstituzzjonali u "konvenzjonali"

taghha) fl-1 ta' Dicembru 2009 li permezz taghha cahdet it-talbiet migjuba mill-imsemmi Grech Sant fir-rikors promotorju tieghu tal-24 ta' Settembru 2009. F'dan ir-rikors tal-24 ta' Settembru 2009 Grech Sant, wara li fisser li huwa kien gie kkundannat, fit-30 ta' Lulju 2009, ghall-piena ta' ghoxrin xahar prigunerija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (li kienet irriformat sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta)), u li matul il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati huwa kien ghamel 33 gurnata "maqful kompletament id-dar" bhala kundizzjoni tal-*bail* -- cioe` kien taht l-hekk imsejjah *house arrest* -- u wara kien hemm anke periodu li fih huwa setgha johrog mid-dar biss ghal ftit sieghat, allega li fil-konfront tieghu kienet qed issehh diskriminazzjoni bi ksur tal-**Artikoli 14** u **6(1)** tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Skond l-imsemmi rikorrent, illum appellant, din id-diskriminazzjoni hi r-rizultat tal-fatt li l-Artikolu 22 tal-Kodici Kriminali jipprovdi li ghandu awtomatikament jitnaqqas mis-sentenza ta' prigunerija li tkun tat il-qorti biss dak il-periodu li l-hati jkun ghamel taht arrest fil-habs u mhux ukoll xi periodu li huwa jkun ghamel – bhalma ghamel l-appellant odjern – taht "house arrest" (jew xi zmien iehor fejn kien hemm xorta wahda "restrizzjoni" fuq il-movimenti tieghu). Ir-rikors promotorju jispicca hekk:

**"Illi minn dawn il-fatti johrog li (1) l-artikolu 22 tal-Kodici Kriminali johloq diskriminazzjoni fl-espijazzjoni tal-piena li mhix gustifikata; (2) illi fil-kaz in ezami, l-esponenti ghandu dritt ta' tnaqqis taz-zmien li ghamel taht arrest preventiv, kemm fil-habs u kemm taht kundizzjonijiet ta' House Arrest, inkluz il-periodu kollu meta kien permess biss li johrog ghal xi erba' sighat kuljum.**

**"Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha: (1) tiddikjara li l-Artikolu 22 tal-Kap. 9 johloq diskriminazzjoni ingustifikata, ghar-ragunijiet premessi, u dan bi ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem abbinat mal-Artikolu 6(1) tal-istess, u cioe` taht l-interpretazzjoni ta' *fair trial* li tinkorpora fiha *fair punishment*; (2) tiddikjara li l-esponenti ghandu dritt**

**ghat-tnaqqis mill-piena mhux biss taz-zmien li ghamel detenut il-habs, imma anke meta kien arrestat f'daru, u dan skond kif jirrizulta lill-istess Onorabbli Qorti; (3) taghti kull rimedju iehor li huwa fil-poter tal-Qorti li taghti dwar il-vjolazzjoni msemmija."**

**2.** Ghal dan ir-rikors ta' Grech Sant, l-Avukat Generali wiegeb fil-5 ta' Ottubru 2009. Ghal dak li huwa l-meritu tal-vertenza – ghax kien hemm xi sottomissjonijiet ta' natura preliminari li ma jimmeritaw ebda konsiderazzjoni ghax ma humiex ta' importanza – l-Avukat Generali fisser li fil-kaz *de quo* ma kien hemm ebda lezjoni tal-Artikolu 14 abbinat mal-Artikolu 6, u dan peress li l-Artikolu 6 jiggrantixxi biss smigh xieraq u mhux ukoll "piena gusta", u li fi kwalunkwe kaz l-Artikolu 22 tal-Kap. 9 "jitratta lil dawk kollha li qeghdin fic-cirkostanzi hemm imsemmija, bl-istess mod u ugwali, u ghalhekk ma hemm ebda element ta' diskriminazzjoni fih."

<u>**Is-sentenza appellata**</u>

**3.** Kif inghad, il-vertenza giet deciza fl-ewwel istanza b'sentenza tal-1 ta' Dicembru 2009, fejn il-Prim Awla, wara li ddikjarat li r-rikorrent ma kienx wera li huwa garrab ksur tal-Artikolu 6 u/jew tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni bil-mod kif inhu mfassal l-Artikolu 22 tal-Kap. 9, cahdet it-talbiet tieghu u akkollatu bl-ispejjez. Dik il-Qorti waslet ghall-konkluzzjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi b'din l-azzjoni r-rikorrent jgħid li ġarrab ksur tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni marbut mal-artikolu 6 tagħha, għaliex fil-piena li ngħata b'sentenza tal-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali ma tteħidx kont taż-żmien li huwa nżamm taħt arrest f'daru huma u għaddejjin il-proċeduri kriminali mibdijin kontrih. Huwa jgħid li l-artikolu 22 tal-Kodiċi Kriminali joħloq diskriminazzjoni bejn min jinżamm arrestat b'mod preventiv fil-ħabs u min jingħata l-ħelsien mill-arrest taħt kundizzjoni li jibqa' d-dar (jew li joħroġ f'ħinijiet ristretti), għaliex lil tal-ewwel dak iż-żmien jitqisilhom meta jingħataw piena, filwaqt lil tat-tieni dan ma

jiġrix. Qiegħed jitlob li, dwar il-piena li ngħata, jingħaraf li ġarrab dan il-ksur tal-jedd fundamentali tiegħu u li jingħata rimedju effettiv (jekk meħtieġ bit-tnaqqis tal-piena karċerarja mogħtija lilu) minħabba l-ksur minnu lmentat;

"Illi l-intimat iwarrab dawn il-pretensjonijiet tar-rikorrent billi jgħid li l-azzjoni attriċi hija maħsuba biex tibdel il-liġi: għan bħal dan ma jaqax fis-setgħat tal-Qrati, lanqas dawk ta' kompetenza kostituzzjonali, għaliex dan ikun indħil f'xogħol il-Parlament. Jgħid ukoll li l-azzjoni tar-rikorrent hija waħda fiergħa, abbużiva u biex iddejjaq, għaliex din l-azzjoni m'hijiex għajr tentativ biex jerġa' jinfetaħ mill-ġdid il-każ minkejja li l-kwestjoni ngħalqet b'mod definitiv mill-qrati kompetenti. Fuq kollox, l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma jgħoddx għall-każ għaliex il-jedd imħares fih – jiġifieri l-jedd għal smigħ xieraq quddiem qorti indipendenti u imparzjali – ma jestendix għall-jedd ta' "piena xierqa", u għalhekk, lanqas ma jista' jingħad li seħħ xi ksur tal-artikolu 14 tal-konvenzjoni fir-rigward tar-rikorrent;

"Illi dwar il-fatti li joħorġu mill-atti għal dak li jirrigwarda l-aspetti rilevanti tal-każ, jirriżulta li f'xi żmien qrib il-bidu tax-xahar ta' Awissu tal-2002, ir-rikorrenti kien tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, mixli (flimkien ma' oħrajn) bir-reat ta' tixħim ta' żewġ membri tal-ġudikatura, b'wegħda jew offerta maħsuba biex tinfluwenzahom kif iwettqu d-dmirijiet tagħhom u f'assoċjazzjoni biex jitwettqu l-imsemmija reat. Fl-4 ta' Settembru, 2002[1], dik il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrent u tatu l-ħelsien mill-arrest preventiv, iżda għamlitlu kundizzjonijiet, fosthom dik li ma joħroġx mid-dar mingħajr il-permess tal-Qorti. Fl-1 ta' Ottubru, 2002, r-rikorrent ressaq rikors quddiem il-Qorti Kriminali, li fih talab li sakemm il-każ tiegħu jkun deċiż, titneħħa l-kundizzjoni li ma joħroġx mid-dar. Dik it-talba ntlaqgħet b'degriet tal-5 ta' Ottubru, 2002[2], li mill-bqija ikkonferma d-degriet tal-4 ta' Settembru, 2002, u żied xi kundizzjonijiet oħrajn marbutin mal-bidla mitluba;

[1] Dok "AGS1", f'paġ 12 tal-proċess
[2] Dok "AGS2", f'paġġ. 14 – 5 tal-proċess

"Illi waqt is-smigħ tal-15 ta' Novembru, 2002, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja, r-rikorrent talab bdil fil-ħinijiet li matulhom huwa jista' joħroġ mid-dar u dik it-talba ntlaqgħet b'degriet mogħti dak inhar stess[3]. Fuq talba oħra magħmula f'isem ir-rikorrent quddiem dik il-Qorti waqt is-smigħ tas-27 ta' Diċembru, 2002, l-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest preventiv dwar ir-rikorrent reġgħu nbidlu b'degriet ieħor[4]. Sadattant, permezz ta' degriet ieħor mogħti minn dik il-Qorti fis-6 ta' April, 2004[5], reġa' ttawwal il-ħin li fih ir-rikorrent seta' jibqa' barra mid-dar. B'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-16 ta' Ottubru, 2008, ir-rikorrent instab ħati tal-ewwel akkuża mressqa kontrih u ngħata piena ta' tliet (3) snin ħabs. Ir-rikorrent appella minn dik is-sentenza. B'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Lulju, 2009, filwaqt li l-aggravji tiegħu dwar is-sejbien ta' ħtija dwar l-akkuża mressqa kontrih ma ntlaqgħux, l-aggravju tiegħu dwar il-piena mogħtija ntlaqa' u dik il-piena tnaqqset għal waħda ta' priġunerija għal għoxrin (20) xahar. Fl-24 ta' Settembru, 2009, ir-rikorrent fetaħ din il-kawża;

"Illi huwa xieraq u meħtieġ li l-<u>konsiderazzjonijiet ta' dritt marbutin ma' l-azzjoni preżenti</u> jiffokaw fuq l-ilment speċifiku tar-rikorrent. Dan irid isir għaliex tqanqal id-dubju dwar jekk l-azzjoni attriċi hijiex maħsuba li titlob minn din il-Qorti li twettaq xi ħaġa lil hinn mis-setgħat tagħha. Kemm hu hekk, l-intimat jgħid li l-ewwel talba tar-rikorrent m'hija xejn għajr stedina lill-Qorti biex tibdel il-liġi jew tordna li jsir bdil ta' liġi. Daqs kemm din il-Qorti trid li s-setgħat u r-responsabbiltajiet tagħha twettaqhom kif imiss, daqstant ieħor ma tridx li tieħu b'tagħha setgħat li bir-rieda espressa tal-liġi huma mogħtija lil xi fergħa jew istituzzjoni oħra fl-ordinament ġuridiku tagħna. Madankollu, hija fis-setgħa ta' din il-Qorti li **tfisser** liġi u li tgħid jekk, **bit-tifsir mogħti jew bit-tħaddin tagħha, huwiex qiegħed iseħħ ksur ta' xi jedd fundamentali** ta' persuna li tħossha hekk milquta biha;

[3] Dok "AGS3", f'paġ. 18 tal-proċess
[4] Dok "AGS4", f'paġ. 20 tal-proċess
[5] Dok "AGS5", f'paġ. 23 tal-proċess

"Illi jidher li l-qofol tal-azzjoni tar-rikorrent ġejja mill-fatt li, għal żmien twil minn mindu tressaq l-ewwel darba quddiem qorti mixli bir-reati msemmija sakemm ingħatat is-sentenza definittiva dwar l-istess xiljiet, huwa kien qiegħed taħt sistema ta' ħelsien mill-arrest preventiv, b'kundizzjonijiet, fost l-oħrajn, li rabtuh li jħares ċerti kundizzjonijiet dwar x'ħin jew meta seta' joħroġ mid-dar u kemm idum barra. Saħansitra, għal xi żmien (li jidher li jtul mill-4 ta' Settembru, 2002, sal-5 ta' Ottubru, 2002) lanqas seta' jixref 'il barra mill-għatba tad-dar tiegħu. Huwa jgħid li dan huwa effettivament sura oħra ta' arrest li wkoll ġab miegħu ċaħda minn ħelsien, f'xi każijiet agħar milli kieku nżamm arrestat f'ħabs. Il-ħsara li jgħid li ġarrab hi li, meta ngħata l-piena definittiva bis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali f'Lulju tal-2009, huwa se' jkollu jiskonta fil-ħabs il-piena kollha erogata bis-sentenza msemmija bla ma se' jkun ittieħed l-ebda qies taż-żmien kollu li huwa dam taħt is-sistema tal-ħelsien mill-arrest preventiv kif fuq ingħad. Huwa jgħid li dan seħħ għaliex l-artikolu 22 tal-Kodiċi Kriminali jqis biss iż-żmien li persuna akkużata tkun qattgħet arrestata fil-ħabs bħala żmien li jitnaqqas mill-piena effettiva erogata minn Qorti ta' kompetenza kriminali wara sejbien ta' ħtija;

"Illi tabilħaqq l-imsemmi artikolu 22, fis-sub-artikolu (1) tiegħu, jirreferi għal "*kull żmien qabel id-dikjarazzjoni ta' ħtija u l-kundanna li tulu l-ikkundannat ikun inżamm fil-ħabs għar-reat jew reati li tiegħu jew tagħhom huwa jkun ġie hekk misjub ħati u ikkundannat*". L-ilment tar-rikorrent hu li, minn dan il-kliem tal-liġi, l-ebda qies ma jittieħed għal tnaqqis fl-għoti ta' piena għaż-żmien li dwaru persuna tkun gawdiet mil-liberta` provviżorja, ukoll jekk dik il-liberta` kienet torbot lill-akkużat li ma joħroġx minn daru jew li jagħmel hekk biss taħt ċerti kundizzjonijiet;

"Illi għal ċertu żmien, xi Qrati Maltin taw il-fehma tagħhom dwar in-natura tal-"*house arrest*" kif imħaddem fis-sistema legali tagħna. Madankollu, jidher li r-rikorrent isejjes l-azzjoni tiegħu fuq osservazzjonijiet li għamlet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kors ta' sentenza mogħtija fi Frar ta' din

is-sena[6] dwar allegat ksur ta' jeddijiet fundamentali marbuta ma' kundizzjonijiet ta' liberta` provviżorja u l-"*house arrest*". Huwa jgħid li f'dik is-sentenza, ntwera ċar li dik il-Qorti kienet tbiegħdet mill-fehma li l-Qrati Maltin kienu jżommu dwar in-natura vera tal-"*house arrest*" kif imħaddem mill-Qrati, u qalet ċar li dik is-sura ta' arrest kien arrest tassew u mhux ħaġ'oħra. Għalhekk, ikompli jisħaq ir-rikorrent, ladarba l-"*house arrest*" huwa arrest u ladarba ż-żmien li persuna tkun qiegħda taħt "*house arrest*" ma jitqiesx għall-finijiet tal-artikolu 22 tal-Kodiċi Kriminali, jiġi li huwa (u kull min hu fl-istess qagħda tiegħu) qiegħed iġarrab preġudizzju għaliex dak iż-żmien ma jitqies xejn għall-finijiet tal-piena li huwa kien ikkundannat għar-reati li kien instab ħati dwarhom mill-Qrati ta' kompetenza kriminali;

"Illi huwa xieraq li l-Qorti ssemmi l-parti mis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali li fuqha r-rikorrent jibni l-aggravju tiegħu:

*""Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-hsieb kollu wara l-hekk imsejjah "house arrest" bhala kundizzjoni tal-"bail" huwa zbaljat, ghax jew hemm, b'mod reali u konkret, wiehed jew aktar mill-perikoli ravvizati fl-imsemmija paragrafi (a) sa (e) tal-Artikolu 575(1), u allura l-helsien mill-arrest m'ghandux jinghata, jew ma hemmx, u allura l-imputat jew akkuzat ghandu jinheles mill-arrest taht garanzija u b'dawk il-kundizzjonijiet l-ohra li, kif inghad, ikomplu jiggarantixxu b'mod ragjonevoli li ma tavverax ruhha xi wahda mill-imsemmija cirkostanzi. Il-house arrest, pero`, ma jista' qatt jaghti l-garanziji li jaghti l-arrest preventiv proprju, specjalment ghal dak li jirrigwarda l-perikolu fondat ta' inkwinament tal-provi.*

"***14.*** *Fil-kaz in dizamina, meta l-Qorti tal-Magistrati, bid-digriet taghha tad-9 ta' Settembru 2005, laqghet it-talba ghall-helsien mill-arrest bil-kundizzjoni (ara l-kundizzjoni 6A fid-dokument a fol. 144 tal-attijiet ta' dik il-kawza), fost ohrajn, "li jibqa' taht house arrest fil-fond nru 27, Redentur, Triq George Caruana, Tarxien", hija kienet*

[6] Kost. **20.2.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***James Demanuele vs Avukat Ġenerali***

*effettivament qed tirrestringi l-liberta` ta' moviment tal-appellant Demanuele b'tali mod li huwa effettivament baqa' arrestat. Din il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn f'dan il-kaz toqghod taghmel distinzjonijiet bejn il-ligi taghna u dik ta' pajjizi barranin bhall-Italja u l-Bulgarija (pajjizi li ghalihom saret referenza permezz tas-sentenzi tal-Qorti ta' Strasbourg ezibiti mill-appellant quddiem l-ewwel Qorti) fejn l-arrest domiciljari huwa regolat bil-ligi. Fil-kaz taghna, dan mhux regolat bil-ligi u huwa semplicement "kundizzjoni" tal-"bail". Pero`, kif tajjeb josserva l-appellant,* ***ghalkemm semplici kondizzjoni tal-"bail", jibqa' xorta wahda forma ta' arrest b'tali mod li jrid ikun gustifikat daqs li kieku l-persuna in kwistjoni ghadha qed tinzamm il-Habs ta' Kordin jew f'xi post iehor dezinjat bhala "habs" skond il-ligi.***" (enfasi miżjud minn din il-Qorti);

"Illi minn dan il-kliem, ir-rikorrent jislet l-argument li l-ħelsien mill-arrest li kien ingħata bid-degriet tal-4 ta' Settembru, 2002, kien fil-fatt arrest f'post ieħor li mhux il-ħabs. Huwa jisħaq li dan il-fatt baqa' jissussisti minkejja li, bid-degrieti li ngħataw wara, dik ir-rabta li huwa ma joħroġx mid-dar intreħiet b'kundizzjonijiet aħjar dwar raġunijiet li għalihom huwa sata' joħroġ mid-dar u t-tul tal-ħin li seta' jagħmel barra mid-dar. Huwa jrid għalhekk li ladarba kien miżmum taħt sura ta' arrest, iż-żmien li għadda f'din il-kundizzjoni kellu jitnaqqas mill-piena li ngħata fis-sentenza tal-Qorti ta' kompetenza Kriminali;

"Illi kif diġa' ntwera, r-rikorrent rabat dan l-argument tiegħu ma' ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u mhux mal-artikolu 5 tagħha. Dan iġib li l-ilment tiegħu jrid jitqies fid-dawl ta' dik id-dispożizzjoni li huwa nnifsu għażel bħala l-bażi li ssejjes dak l-ilment. Ir-rikorrent jgħid li minħabba dak li ġara, ġarrab ksur tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni safejn dak l-artikolu jippreskrivi l-kunċett tas-smigħ xieraq "li tinkorpora fiha *fair punishment*". Ma' dan, huwa rabat il-kwestjoni tad-diskriminazzjoni li ġarrab taħt l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni;

"Illi l-Qorti tibda biex tgħid li r-rikorrent ma ressaq l-ebda lment li l-piena li finalment ingħata mill-Qorti tal-Appell

Kriminali ma kinitx waħda "xierqa". Kienet piena li effettivament tniżżlet minn dik mogħtija mill-Qorti ta' kompetenza kriminali tal-ewwel grad. Kienet ukoll piena li taqa' sewwa fil-parametri tax-xiljiet li dwarhom ir-rikorrent kien instab ħati. Dak li minnu jilminta r-rikorrent hu li f'dik il-piena jmissu ttieħed kont taż-żmien li kien dam taħt il-kundizzjonijiet ta' liberta` provviżorja;

"Illi hija l-fehma tal-Qorti li, f'dak li għandu x'jaqsam ma' proċedura ta' xejra kriminali, l-kunċett ta' "smigħ xieraq" misjub fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jolqot firxa wiesgħa ta' fażijiet proċedurali marbutin mal-proċess penali. Xhieda ta' dan huwa l-fatt li minn tliet sub-artikoli tal-imsemmi artikolu, tnejn jitkellmu speċifikatament u esklussivament dwar il-proċess penali, u l-ewwel wieħed iżid ukoll prinċipji ewlenin applikabbli f'proċess bħal dak miżjuda mal-prinċipji li jgħoddu wkoll għall-proċess ċivili. Huwa aċċettat ukoll li dak l-artikolu jolqot l-iżjed fażijiet bikrija tal-proċess penali u jibqa' jgħodd sal-aħħar fażijiet tiegħu, mqar fi stadju ta' appell, fejn dan jingħata[7]. Jekk wieħed imbagħad iqis id-dispożizzjonijiet partikolari tal-imsemmi artikolu safejn dawn jitkellmu dwar il-proċess kriminali, wieħed isib li "*Article 6(2) continues to apply to the end of any appeal proceedings against conviction. It does not apply to either trial or appellate proceedings insofar as they concern the sentencing of a convicted person; it 'deals only with the proof of guilt and not with the kind or level of punishment'* "[8]. Din il-fehma hija riflessa wkoll fil-ħames ċirkostanzi ta' garanzija msemmija fl-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni, li lkoll jirreferu għal episodji jew stadi **waqt** is-smigħ tal-proċess jew proċedura kriminali li tkun. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, u wara li qieset sewwa l-argumenti magħmula f'isem ir-rikorrent u wkoll dawk tal-intimat, il-Qorti tasal għall-fehma li l-kwestjoni tal-implimentazzjoni jew it-tħaddim tal-piena mogħtija f'proċess kriminali li jkun intemm m'hijiex waħda li għaliha jgħodd l-artikolu 6, imqar jekk kull waħda mid-dispożizzjonijiet tiegħu titqies awtonoma jew maqtugħa l-waħda mill-oħra;

---

[7] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention on Human Rights pp. 166 – 7
[8] *Op. Cit.* pp. 241 – 2

“Illi biex ikun ingħad kollox, f’din il-kawża, r-rikorrent ma ressaq l-ebda lment dwar allegat ksur tal-artikolu 6 f’xi waqt matul it-trattazzjoni jew is-smigħ tal-proċeduri kriminali meħuda kontrih, imma biss fit-termini li ssemmew aktar qabel, jiġifieri fil-kwestjoni tat-tħaddim tal-piena mogħtija kontra tiegħu minn qorti tal-aħħar istanza;

“Illi bla ma ttawwal aktar fuq dan il-punt, lanqas ma jidher li l-prinċipju ta’ “smigħ xieraq” kif imħares bl-artikolu 6 jista’ jitfisser li jgħodd fih ukoll il-kunċett ta’ “piena xierqa”, ladarba l-kwestjoni ta’ piena hija mħarsa taħt dispożizzjonijiet oħrajn tal-istess Konvenzjoni;

“Illi, għalhekk, safejn l-azzjoni tar-rikorrent tinbena fuq xi allegat ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, din il-Qorti ma ssibx li t-talbiet tiegħu huma mistħoqqa u għalhekk m’hijiex sejra tilqagħhom;

“Illi r-rikorrent, madankollu, jibni l-azzjoni tiegħu wkoll fuq l-ilment ta’ ksur tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni. L-intimat jgħid li biex jidħlu fis-seħħ u jitħaddmu d-dispożizzjonijiet ta’ dak l-artikolu, iridu tabilfors jirriżultaw il-ksur ta’ xi dispożizzjoni “sostantiva” oħra tal-Konvenzjoni u li l-artikolu 14 jgħodd biss f’każ li jkun hekk;

“Illi fl-artikolu 14, il-Konvenzjoni trid li t-tgawdija tad-drittijiet u tal-libertajiet kontemplati fiha tkun assigurata bla diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma’ minoranza nazzjonali, proprjeta`, twelid jew *status* ieħor;

“Illi meta l-Qorti tistħarreġ l-ilment taħt l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni trid tagħmel dan billi żżomm quddiem għajnejha (i) li dak l-ilment jeħtieġ li jkun marbut ma’ xi jedd ieħor imħares mill-Konvenzjoni, u (ii) li l-kawżali tad-diskriminazzjoni msemmijin f’dak l-artikolu huma biss indikativi u jistgħu jkunu usa’ mill-kawżali maħsuba fl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.  Wieħed irid iqis ukoll li (iii) it-trattament differenti mogħti bejn kategorija ta’ persuni u oħra trid tkun waħda leġittima u raġonevoli, u għalhekk mhux kull trattament differenti jwassal għal sejbien ta’

trattament diskriminatorju bi ksur tal-imsemmi artikolu 14[9]. Madankollu, persuna tista' ssejjes talba taħt dan l-artikolu minkejja li la tista' turi u lanqas biss tippretendi ksur ta' xi jedd "sostantiv" ieħor imħares mill-Konvenzjoni, sakemm tali talba taqa' fl-"ambitu" ta' jedd bħal dak[10];

"Illi huwa aċċettat bħala tifsira tajba tad-dritt li "*the list of specific grounds on the basis of which discrimination in the area of a Convention right is prohibited is a long one and not exhaustive. The grounds on the list are examples ('any ground such as . . .') and the final one ('or other status') is open-ended*"[11];

"Illi illum il-ġurnata jidher li huwa stabilit li "*a difference in treatment is discriminatory, for the purposes of Article 14 of the Convention, if it has 'no objective and reasonable justification'. In other words, the notion of discrimination includes in general cases where a person or group is treated, without proper justification, less favourably than another, even though the more favourable treatment is not called for by the Convention. Article 14 does not prohibit distinctions in treatment which are founded on an objective assessment of essentially different factual circumstances and which, being based on the public interest, strike a fair balance between the protection of the interests of the community and respect for the rights and freedoms safeguarded by the Convention. The Contracting States enjoy a certain margin of appreciation in assessing whether and to what extent differences in otherwise similar situations justify a difference in treatment. The scope of the margin of appreciation will vary according to the circumstances, the subject-matter and its background, but the final decision as to observance of the Convention's requirements rests with the Court*"[12];

---

[9] Q.E.D.B. **23.7.1968** fil-***Case Relating to Certain Aspects of the Laws on the Use of Languages in Education in Belgium vs Belġju*** (Applik. Nru. 1474/62 et.), § 10, u Q.E.D.B. **8.7.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***Lithgow vs Renju Unit*** (Applik. Nru. 9006/80 et.), § 177

[10] Harris, O'Boyle & Warbrick O*p. Cit.*, paġġ. 465 – 6

[11] Harris, O'Boyle & Warbrick *op. cit.*, paġ. 463

[12] Q.E.D.B. **12.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Kafkaris vs Ċipru*** (Applik. Nru. 21906/04) § 161 (każ fejn persuna ikkundannata għal għomorha l-ħabs ma ngħatatx maħfra Presidenzjali bħal uħud oħrajn li kellhom l-istess kundanna u ngħatatilhom maħfra)

"Illi kif ingħad b'mod meqjus u miġbur mill-Qrati tagħna f'dan ir-rigward: "*biex tara jekk kienx hemm diskriminazzjoni bi ksur ta' dak li jrid l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, il-Qorti trid tara jekk (1) kienx hemm differenza fil-mod kif persuni differenti tħallew igawdu l-jeddijiet imħarsa taħt il-Konvenzjoni, (2) din id-differenza fit-trattament kinitx bejn persuni li s-sitwazzjoni tagħhom kienet tixxiebah, (3) din id-differenza kinitx bil-ħsieb li jintlaħaq għan leġittimu; u (4) kienx hemm proporzjonalita' bejn id-differenza fit-trattament u l-għan li ried jintlaħaq permezz ta' dik id-differenza, jew kienx meħtieġ li jkun hemm dik id-differenza biex jintlaħaq dak il-għan. Huwa importanti, għalhekk, li l-paragun isir bejn persuni li huma placed in analogous situations*"[13];

"Illi r-rikorrent irid li l-Qorti ssib li hu ġarrab ħsara bil-fatt li kien għażel li jitlob li jinħeles mill-arrest fil-ħabs fejn kien miżmum. Din il-ħsara nħalqet meta, wara li nstab ħati mill-Qrati ta' kompetenza kriminali, ma kinux jgħoddu għalih id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22 tal-Kodiċi Kriminali, bħalma jgħoddu għal min ikun inżamm arrestat il-ħabs u ma jkunx ingħata l-ħelsien mill-arrest provviżorju. Fil-fehma tal-Qorti, jidher li r-rikorrent qiegħed jorbot l-ilment tiegħu mal-każ fejn l-artikolu 14 "*safeguards persons who are in analogous or relevantly similar positions against discriminatory differences in treatment that have as their basis or reason a personal characteristic ("status") by which persons or a group of persons are distinguishable from each other*"[14]. B'hekk jitqies li l-artikolu 14 "*aims to strike down the offensive singling out of an individual or members of a particular group on their personal attributes*"[15];

"Illi huwa prinċipju aċċettat li, f'każi ta' allegata diskriminazzjoni, jaqa' fuq il-persuna li tallegaha l-piż li jipprova kemm l-eżistenza ta' "tikketta" li minħabba fiha

---

[13] P.A. (Kost) GCD **15.2.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Grech et vs Il-Ministru Responsabbli mill-Familja u s-Solidarjeta' Soċjali et*** (konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fid-**9.2.2007**) li kienet tirrigwarda każ ta' pensjonijiet

[14] Q.E.D.B. **6.4.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Thlimmenos vs Greċja*** (Applik. Nru. 34369/97) § 40 – 9

[15] K. Reid A Practitoner's Guide to the European Convention on Human Rights (1998), paġ. 195

ngħata trattament differenti, u kif ukoll li kienet tassew tali "tikketta" li nisslet dak it-trattament differenti[16];

"Illi fil-każ tar-rikorrent l-istħarriġ ta' dan l-ilment jeħtieġlu juri li t-"trattament" li ma ngħatalux tassew ġabu f'qagħda agħar minn ħaddieħor li kien fl-istess ilma tiegħu. Il-Qorti tqis li mhux biss ir-rikorrent ma weriex li l-artikolu 22 tal-Kodiċi Kriminali ibbenefikat minnu xi persuna oħra li kienet ingħatat il-ħelsien mill-arrest preventiv u nżammet taħt "*house arrest*" (għall-kuntrarju, l-għaref difensur tiegħu eskluda li dan kien il-każ[17]), iżda lanqas wera kif il-Qorti tista' tqis li persuna miżmuma fil-ħabs trid titqies fl-istess ilma bħal persuna li, fuq talba tagħha stess, tkun ingħatat il-ħelsien mill-arrest preventiv u kif dawn iż-żewġ qagħdiet differenti jmisshom jitqiesu f'keffa waħda. Fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li jista' jitqies li min ikun ingħata l-"*house arrest*" kif ordinarjament mifhum huwa b'xi mod jew ieħor meqjus li għadu arrestat, ma jwassalx lil min ikun ingħata l-ħelsien mill-arrest preventiv fl-istess kundizzjoni fiżika ta' min it-talba tiegħu għall-ħelsien mill-arrest ma tkunx intlaqgħet u jkun inżamm arrestat f'ħabs jew istituzzjoni li titqies bħala ħabs;

"Illi għalhekk, il-Qorti ma ssibx li r-rikorrent seħħlu juri li ġarrab ksur tal-jedd li ma jkunx diskriminat."

## L-appell tar-rikorrent

**4.** Ir-rikorrent Grech Sant hassu aggravat b'din is-sentenza, u ghalhekk b'rikors intavolat fit-2 ta' Dicembru 2009 appella minnha. L-aggravju tieghu huwa essenzjalment wiehed, u cioe` li l-ewwel Qorti ma fehmitx il-portata tal-ilment tieghu. Huwa jghid li l-Prim Awla, fis-sentenza appellata, hawdet ossia fixklet bejn "il-piena komminata" u l-"ezekuzzjoni tal-piena". Skond l-appellant l-ezekuzzjoni tal-piena hija haga rimessa f'idejn l-awtoritajiet tal-habs li huma obbligati li jimxu skond l-Artikolu 22 tal-Kodici Kriminali. Huwa dana l-artikolu tal-Kodici Kriminali li, skond l-appellant, qed jilledi d-dritt

[16] Harris, O'Boyle & Warbrick *Op. Cit.*, paġġ. 472 – 3
[17] Ara t-trattazzjoni f'paġ. 50 tal-proċess

tieghu fondamentali bil-mod kif neccessarjament irid jigi applikat mill-imsemmija awtoritajiet tal-habs. L-appellant – li, tajjeb li jinghad, fir-rikors tal-appell tieghu baqa' jinsisti fuq ir-referenza ghall-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, mentri waqt it-trattazzjoni orali tat-Tnejn, 1 ta' Frar 2010, l-abbili difensur tieghu beda jisposta b'mod fin il-bazi tal-lanjanzi tieghu anke ghal fuq l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni – jghid li din hija kwistjoni ta' "fair play", u mhux biss il-qrati jridu jkunu "fair" izda anke r-rizultat tad-decizjonijiet taghhom irid ikun "fair" fl-esekuzzjoni tieghu. Huwa rega' ghamel referenza ghas-segwenti sentenzi, fost diversi li kien ghamel referenza ghalihom quddiem l-ewwel Qorti, u cioe` ***Secretary of State for the Home Department v. JJ and others***, deciza mill-House of Lords fil-31 ta' Ottubru 2007[18], ***Immobiliare Saffi v. Italy***, deciza mill-Qorti ta' Strasbourg fit-28 ta' Lulju 1999, u ***Tufo v. Italy*** u ***Scoppola v. Italy***, ukoll decizi minn din l-ahhar imsemmija Qorti fil-21 ta' April 2005 u fis-17 ta' Settembru 2009 rispettivament. Isostni li hija l-ligi stess, cioe` l-Artikolu 22, li hija diskriminatorja fiha nnifisha ghax tiddiskrimina bejn persuni li huma "in an analogous or relevantly similar situation". Skond l-appellant l-imsemmi Artikolu 22 jilledi b'mod car l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, u biex isahhah dan l-argument tieghu jaghmel referenza gahs-sentenza ***Larkos v. Cyprus*** deciza mill-Qorti ta' Strasbourg fit-18 ta' Frar 1999.

**5.** Fir-risposta tieghu tad-9 ta' Dicembru 2009 ghal dana r-rikors tal-appell, l-Avukat Generali bazikament jirrepeti l-posizzjoni li kien ha quddiem il-Prim Awla; izid biss fih ir-ragunijiet ghala, skond hu, is-sentenza ta' ***Larkos*** ma taghmilx ghall-kaz in dizamina.

**6.** Wara l-udjenza preliminari tat-8 ta' Jannar 2010, r-rikorrent, permezz tal-abbili difensur tieghu, permezz ta' nota tal-14 ta' Jannar 2010 ghamel referenza ghal zewg sentenzi ta' dawn il-Qrati (is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-28 ta' Dicembru 2009 fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Muscat*** u s-sentenza ta'

[18] Proprjament l-appellant, kemm quddiem l-ewwel qorti kif ukoll fl-appell ghamel referenza biss ghall-opinjoni ta' Lord Bingham of Cornhill moghtija f'dik is-sentenza – ara fol. 24 tal-atti.

din il-Qorti Kostituzzjonali, diversament komposta, tal-20 ta' Frar 2009 fl-ismijiet ***James Demanuele v. Avukat Generali*** [19]) kif ukoll ezebixxa kopja tas-sentenza ***Larkos***. B'nota addizzjonali tat-22 ta' Jannar 2010 l-appellantipprezenta wkoll kopja tas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-8 ta' Lulju 2004 fl-ismijiet ***Vachev v. Bulgaria***. L-appell gie trattat fl-1 ta' Frar 2009 u thalla ghas-sentenza ghal-lum.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**7.** Jibda biex jinghad li s-sentenzi li ghalihom ghamel referenza l-appellant, kemm quddiem l-ewwel Qorti kif ukoll quddiem din il-Qorti, ma jindirizzawx verament il-problema li qed iqajjem fir-rigward tal-Artikolu 22 tal-Kodici Kriminali. Ma huwiex korrett li wiehed jaqbad u jispigola frazi jew espressjoni jew paragrafu minn sentenza minghajr ma jara l-kuntest sew li fih dik il-frazi, dik l-espressjoni jew dak il-paragrafu qed jintuza. Hekk, per ezempju, biex jipprova jikkonvinci lil din il-Qorti li l-"ezekuzzjoni ta' sentenza" penali taqa' b'xi mod fl-ambitu tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u fl-ambitu tan-nozzjoni ta' "smigh xieraq", l-appellant, fir-rikors ta' appell, jiccita s-segwenti bran mis-sentenza ***Saffi***: *"to construe Article 6 as being concerened exclusively with access to a court and the conduct of proceedings would be likely to lead to situations incompatible with the principle of the rule of law which the contracting states undertook to respect when they ratified the Convention. Execution of a judgement given by any court must therefore be regarded as an integral part of the 'trial' for the purposes of Article 6 (see Hornsby v. Greece judgment of 19 March 1997, Reports of Judgments and Decisions 1997-II, p. 510, § 40)."* Dak li l-appellant konvenjentement qed jinjora huwa li dan il-paragrafu qed jitkellem dwar l-ezegwibilita` ta' sentenza bejn zewg partijiet fic-civil, u mhux dwar kif, fejn jew meta tigi ezegwita, fis-sens ta' espijata, sentenza fil-kamp penali, u wisq anqas dwar kemm ghandu jkun il-*quantum* tal-piena li ghandu hekk jigi espijat. Huwa evidenti li fil-kamp civili huwa inutili, jekk mhux addirittura irrizorju, li

[19] Din kienet diga` saret referenza ghaliha quddiem l-ewwel Qorti.

tghid li persuna ghadha d-dritt li taccedi ghal qorti biex tikseb dak li hu taghha skond id-dritt sostantiv, jekk in segwitu, u cioe` wara li tkun kisbet sentenza favur taghha, tibqa', ghal raguni jew ohra, ma tistax tezegwixxi din is-sentenza. Huwa f'dan il-kuntest, u f'dan il-kuntest biss, li l-Qorti ta' Strasbourg esprimiet ruhha dwar li l-"ezekuzzjoni tas-sentenza" tinkwadra fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. In fatti, l-bran kollu mis-sentenza ***Saffi*** jghid hekk:

"In any event, the Court recalls that the right to a court would be illusory if a Contracting State's domestic legal system allowed a final, binding judicial decision to remain inoperative to the detriment of one party. It would be inconceivable that Article 6 § 1 should describe in detail procedural guarantees afforded to litigants – proceedings that are fair, public and expeditious – without protecting the implementation of judicial decisions; to construe Article 6 as being concerned exclusively with access to a court and the conduct of proceedings would be likely to lead to situations incompatible with the principle of the rule of law which the Contracting States undertook to respect when they ratified the Convention. Execution of a judgment given by any court must therefore be regarded as an integral part of the "trial" for the purposes of Article 6 (see the Hornsby v. Greece judgment of 19 March 1997, *Reports of Judgments and Decisions* 1997-II, p. 510, § 40)."

**8.** U bl-istess mod u ghall-istess fini – cioe` ghall-ezegwibilita` ta' sentenza civili li biha wiehed ikun kiseb gharfien gudizzjarju ta' xi dritt minnu vantat – insibu fis-sentenza ***Hornsby v. Greece*** (ara l-bran appena citat):

"The Court reiterates that, according to its established case-law, Article 6 para. 1 (art. 6-1) secures to everyone the right to have any claim relating to his civil rights and obligations brought before a court or tribunal; in this way it embodies the "right to a court", of which the right of access, that is the right to institute proceedings before courts in civil matters, constitutes one aspect (see the Philis v. Greece judgment of 27 August 1991, Series A no.

209, p. 20, para. 59). However, that right would be illusory if a Contracting State's domestic legal system allowed a final, binding judicial decision to remain inoperative to the detriment of one party. It would be inconceivable that Article 6 para. 1 (art. 6-1) should describe in detail procedural guarantees afforded to litigants - proceedings that are fair, public and expeditious - without protecting the implementation of judicial decisions; to construe Article 6 (art. 6) as being concerned exclusively with access to a court and the conduct of proceedings would be likely to lead to situations incompatible with the principle of the rule of law which the Contracting States undertook to respect when they ratified the Convention."

**9.** Fil-kaz odjern, il-kwistjoni fir-realta` anqas proprjament tirrigwarda l-ezekuzzjoni ta' sentenza penali (f'dan il-kaz sentenza ta' prigunerija), u cioe` ta' kif u fejn u b'liema restrizzjonijiet konsegwenzjali ghall-prigunerija dik is-sentenza ghandha tigi espijata; izda tirrigwarda l-kwistjoni tal-*quantum* tal-piena, u dan billi filwaqt li l-ligi qed tghid li mill-piena ta' prigunerija msemmija fis-sentenza tal-Qorti ghandu dejjem jitnaqqas dak il-periodu li l-hati jkun ghamel taht arrest preventiv fil-habs, l-appellant Grech Sant qed jippretendi li ghandu jitnaqqas ukoll periodu jew periodi ohra li huwa ghamel arrestat id-dar (bhala kundizzzjoni tal-*bail*) jew li fihom huwa kellu limitazzjoni fuq kemm jista' jdum barra mid-dar. Il-Konvenzjoni pero` b'ebda mod ma tidhol dwar kemm jew x'ghandha tkun il-piena konsegwenzjali ghal reat – salv, naturalment dak li jinghad dwar piena inumana jew degradanti (Art. 3), il-piena tal-mewt (Artikoli 1 u 2 tas-Sitt Protokoll), u l-piena ghat-tieni darba (Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll). Materji li ghandhom x'jaqsmu mhux mal-"mod" jew procedura ta' kif tigi imposta l-piena izda mal-*quantum* jew tip ta' piena u mal-mod kif din tigi espijata ezorbitaw b'mod specifiku mill-ambitu tal-Artikolu 6, u dan kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, ghalkemm dawn jistghu, eccezjonalment, jitqiesu li jaqghu fl-"ambitu" ta' disposizzjonijiet ohra, bhalma huma l-Artikolu 3 u l-Artikolu 5 (li t-tnejn li huma l-appellant f'ebda stadju ma

bbaza ruhhu fuqhom fil-proceduri bil-miktub, ghalkemm, kif inghad, fl-istadju ta' appell u fil-kuntest ta' dik li l-appellant isejhilha l-"ezekuzzjoni" tas-sentenza saret referenza ghall-Artikolu 5). In fatti Karen Reid, fil-ktieb taghha **A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights** [20] tosserva hekk a propositu tal-piena jew "sentencing":

"Matters of sentencing generally fall outside the scope of the Convention. It is irrelevant whether a burglar is sentenced to five years or ten or whether a suspended sentence is granted for mitigating circumstances. There have been a few hints that a sentence may be so disproportionate that it could disclose a violation. For example in *Hussein v United Kingdom* and *Prem Singh v United Kingdom*, the Convention organs agreed with the applicants that a true life sentence imposed on children even for murder would raise problems under Art. 3, while in *V v United Kingdom*, the Court referred to the ban on life imprisonment of children without possibility of release in Art. 37 of the UN Convention on the Rights of the Child [While it accepted that children could be subject to punitive sentences and detained under an indeterminate sentence allowing for continued detention where necessary for the protection of the public, it commented that an unjustified and persistent failure to fix the tariff – the minimum period representing punishment and deterrence – leaving the applicant in uncertainty for many years over his future could raise issues under Art. 3]. Indeterminate sentences for adults have been found compatible with the Convention where there is sufficient link between the original conviction and continuing detention, although there are also indications that a life sentence for an adult without possibility of release could raise issues under Art. 3. Issues of arbitrariness could also arise under Art. 5 where sentencing provisions make no allowance for the individual circumstances of the offender or the offence.

[20] Sweet & Maxwell (London), 2004.

“However, a measure, which might not in itself offend, may do so if applied in a discriminatory manner. As regards sentencing policies or practices, this has been touched on in a number of cases but no findings of violation made as yet. In *P v United Kingdom* complaints concerning different regimes applicable to boys and girls were settled. In *Nelson v United Kingdom*, a juvenile offender in Scotland claimed that he was not able to benefit from remission in sentence unlike adults or children in England and Wales. The Commission commented that while complaints about length of sentence, passed after due process of law by a judge in possession of the facts of the case, would not fall within the scope of the Convention, a settled sentecing policy which affected individuals in a discriminatory fashion might raise issues under Art. 14 in conjunction with Art. 5. However in the actual case, any difference with adults was justified since different considerations applied in relation to children and any difference between the regime in Scotland and that in England and Wales was based on geographical grounds and not on personal status. In *Grice v United Kingdom*, the Commission also commented that discriminatory release procedures would be problematic but did not find that the applicant AIDS sufferer had substantiated his complaint that prisoners suffering from other illnesses were better treated than he was as regarded compassionate release.

“Procedural rights under Art. 6 apply equally to criminal proceedings dealing with sentence. Thus failure to conform with fairness and guarantees of legal representation prior to the passing of sentence may lead to violation. The sentencing aspect of a trial cannot be usurped by the executive. The role of the Home Secretary in the fixing of tariff (the part of sentence representing punishment and deterrence) in various types of life sentences imposed by courts disclosed a violation of Art. 6, in particular as he could not be said to be a tribunal independent of the executive.” [21]

[21] *Op.cit.* pp. 181-182, paras IIA-179 sa IIA-181.

**10.** Din il-Qorti kkwotat estensivament minn dan il-ktieb ghax hi tal-fehma li l-brani appena citati jaghtu stampa cara tal-posizzjoni dwar il-piena u l-"ezekuzzjoni" taghha fil-kwadru tal-Konvenzjoni. Fil-fehma tal-Qorti huwa car li l-Artikolu 22 tal-Kodici Kriminali la hu *per se* vjolattiv tal-Artikolu 6 – ghax dana l-artikolu jirreferi ghall-mod ta' kif wiehed ghandu jasal ghad-determinazzjoni tal-htija u mhux ghall-*quantum* tal-piena jew ghall-ezekuzzjoni tal-istess – u anqas tal-Artikolu 5 – ghax l-Artikolu 22 la jaghti lok ghal xi arbitrarjeta` (anzi, kien proprju gie introdott biex inaqqas mid-diskrezzjoni li l-Artikolu 22 precedenti kien jaghti lill-Qorti f'materja ta' tnaqqis tal-arrest preventiv) u anqas ma jikkozza ma xi wiehed jew aktar mill-paragrafi tas-subartikolu (1) tal-imsemmi Artkolu 5.

**11.** Pero`, kif rajna, l-appellant, kemm quddiem l-ewwel Qorti kif ukoll f'dana l-stadju tal-appell, qed jilmenta minn diskriminazzjoni a bazi tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni. Kif inhu risaput, jista' jkun hemm vjolazzjoni ta' dana l-Artrikolu 14 anke jekk il-Qorti ma ssibx vjolazzjoni ta' xi disposizzjoni ohra tal-Konvenzjoni. Mill-banda l-ohra, l-Artikolu 14 m'ghandux ezistenza indipendenti mill-artikoli l-ohra, u dejjem irid ikun hemm ness bejn il-fatt li qed jigi allegat li hu diskriminatorju u xi haga li taqa' fl-ambitu ta' xi wiehed jew aktar mid-drittijiet sostantivi tal-Konvenzjoni. Kif gie mfisser minn din il-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza taghha tat-3 ta' April 2009 fil-kawza fl-ismijiet ***Ruth Debono Sultana et v. Dipartiment ghal Standards fil-Harsien Socjali et***:

"Din il-Qorti, fil-kaz **Anne Miller *pro et noe* v. L-Avukat Generali *et*** [22] diga` kellha l-opportunita` li tikkwota b'approvazzjoni s-segwenti silta mis-sentenza **Petrovic v. Austria** [23] :

""The Court has said on many occasions that Article 14 comes into play whenever "the subject-matter of the disadvantage ... constitutes one of the modalities of the

[22] Deciz fis-27 ta' Marzu 2009.
[23] 27 ta' Marzu 1998.

exercise of a right guaranteed" (see the National Union of Belgian Police v. Belgium judgment of 27 October 1975, Series A no. 19, p. 20, § 45), or the measures complained of are "linked to the exercise of a right guaranteed" (see the Schmidt and Dahlström v. Sweden judgment of 6 February 1976, Series A no. 21, p. 17, § 39)." [24]

"U l-formula klassika ta' kif jopera l-Artikolu 14 :

""…Article 14 of the Convention complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols. It has no independent existence since it has effect solely in relation to 'the enjoyment of the rights and freedoms' safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 does not presuppose a breach of those provisions – and to this extent it is autonomous – there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of the latter."" [25]

**12.** Issa, sia jekk it-tnaqqis awtomatiku li jipprospetta l-Artikolu 22 tal-Kap. 9 jitqies bhala kwistjoni ta' *quantum* ta' piena u sia jekk jitqies bhala modalita` tal-ezekuzzjoni tal-piena, ma jistax jinghad, kif diga` rajna, li dan it-tnaqqis jaqa' b'xi mod fl-ambitu tal-Artikolu 6. Kieku trid, ghalhekk, din il-Qorti tista' tieqaf hawn, ghax l-appellant, kemm fir-rikors promotorju tieghu kif ukoll fir-rikors tal-appell baqa' jsostni li l-lezjoni temergi meta l-Artikolu 14 jigi abbinat mal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

**13.** Pero` anke jekk l-Artikolu 22 kellu jitqies – li din il-Qorti ma tqisux hekk – bhala modalita` tal-esekuzzjoni ta' piena u li ghalhekk jaqa', b'xi mod, fl-ambitu tal-Artikolu 5(1)(a) tal-Konvenzjoni, xorta wahda din il-Qorti ma tirravviza ebda vjolazzjoni tal-Artikolu 14. Kif jinghad fis-sentenza ***Fretté v. France*** (26 ta' Frar 2002):

"According to the Court's case law a difference in treatment is discriminatory for the purposes of Article 14 if

[24] Para. 28.
[25] **Haas v. The Netherlands** 13 ta' Jannar 2004, para. 41.

it ‘has no objective and reasonable justification’, that is if it does not pursue a ‘legitimate aim’ or if there is not a ‘reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised’. In that connection, the Court observes that the Convention is a living instrument, to be interpreted in the light of present day conditions.”

**14.** Fil-kaz in dizamina din il-Qorti tifhem li hemm raguni valida u oggettiva ghala jitnaqqas awtomatikament il-periodu li dak li jkun ikun ghamel il-habs qabel is-sentenza izda mhux dak li huwa jkun ghamel id-dar bil-kundizzjoni li ma jistax johrog minnha (l-hekk imsejjah *house arrest* bhala kundizzjoni tal-*bail*) jew xi periodu iehor li fih kien hemm restrizzjonijiet fuq il-hrug mid-dar: wiehed ma jista’ qatt iqabbel il-*house arrest* ma’ arrest fil-habs. Apparti li l-awtoritajiet qatt ma jistghu ikunu verament mija fil-mija certi li dak li jkun ikun ottempera ruhhu mal-kundizzjoni li ma johrogx minn daru jew li johrog limitatament skond il-kundizzjonijiet imposti, iz-zamma taht arrest preventiv fil-habs jew f’post meqjus skond il-ligi bhala habs timporta ferm aktar restrizzjonijiet milli qatt jista’ jimporta l-*house arrest*. Ghalkemm sia fir-rikors promotorju kif ukoll fit-trattazzjoni quddiem din il-Qorti l-abbili difensur tal-appellant ipprova jpingi xenarju ta’ “izolament” ghall-persuna li tkun taht *house arrest*, ghalkemm din tista’ tavvera ruhha f’xi kazijiet partikolari (fil-kaz *de quo* ma giex pruvat li, bhala fatt, kien hemm dan l-izolament), persuna li tkun mizmuma f’darha hija libera li taghmel hafna affarijiet li persuna mizmuma l-habs ma tistax taghmel. Din il-Qorti ma tahsibx li hemm ghalfejn li wiehed jelabora aktar. Huwa proprju ghax l-arrest preventiv fil-habs jew f’post meqjus skond il-ligi bhala habs jimporta tant restrizzjonijiet, kemm f’termini kwantitattivi kif ukoll f’termini kwalitattivi, li ma jimportax il-*house arrest* li l-legislatur deherlu li jkun gust li tal-ewwel jigi awtomatikament dedott mill-piena ta’ prigunerija li talvolta tikkommina l-Qorti, izda mhux tat-tieni. Huwa minnu li, kif qalet din il-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza tal-20 ta’ Frar 2009 fl-ismijiet ***Demanuele v. Avukat Generali*** ghall-finijiet tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni il-

*house arrest* bhala kundizzjoni tal-*bail* jibqa' forma ta' arrest (ghax hemm element ta' restrizzjoni fuq il-liberta` garantita bl-Artikolu 5(1)), u li ghalhekk jista' jigi ezaminat, kif gie ezaminat f'dik il-kawza, fil-kuntest tal-Artikolu 5(3); izda dan ma jfissirx li ma hemmx, kwalitattivament u kwantitattivament, differenzi enormi bejn l-arrest preventiv fil-habs u l-*house arrest* bhala kundizzjoni tal-*bail*. Konsegwentement ma jistax jinghad li hemm id-diskriminazzjoni ravvizata fl-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni fl-operat tal-Artikolu 22 tal-Kodici Kriminali.

**<u>Decide</u>**

**15.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' dana l-appell jithallsu mill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------